MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Mandat Numru. 1635/2013/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni
Numru 1635/13 fl-ismijiet:

Dylan **AZZOPARDI**

Vs

Peter **ŻAMMIT** u martu Sharlot Żammit

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta’ Ottubru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta’ Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati “milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b’titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta’, u b’mod partikolari” t-*terraced house* bl-arja u ġnien fuq wara, liema ġnien jifforma parti mill-imsemmija dar, uffiċjalment bin-numru ħamsa u erbgħin (45), ġja numru tlieta u għoxrin (23) bl-isem “*Old Mill House*”, fi Triq il-Mitħna l-Qadima, Mosta”, u dan wara li r-rikorrent kien ħareġ ittra uffiċjali skond l-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta biex jesegwixxi kambjala għas-somma ta’ sittin elf euro (€ 60,000) pagabbli lilu u li ma kenitx onorata meta immaturat[1]. Żied jgħid li l-imsemmi post hu l-ġid ewlieni li fuqu huwa jista’ ’l quddiem jeżegwixxi l-eventwali titolu eżekuttiv tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta’ Ottubru, 2013, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-7 ta’ Novembru, 2013, iżda kellha tħalli s-smigħ għas-26 ta’ Novembru, 2013 minħabba li sa dakinhar ma kenitx għadha saret in-notifika tar-rikors lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fis-7 ta’ Novembru, 2013, li biha laqgħu għat-talba u qalu li l-Mandat ma jmissux jinħareġ għaliex qalu li l-intimata ma kellha qatt x’taqsam ma’ ebda ftehim li sata’ sar bejn żewġha l-intimat u r-rikorrent. Żiedu jgħidu li, b’seħħ mit-3 ta’ Settembru, 2013, bejniethom jitħaddem is-sistema tas-separazzjoni tal-beni. Minbarra dan, il-kreditu pretiż mir-rikorrent milqut b’illegalita’ minħabba użura;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-26 ta’ Novembru, 2013, f’liema data ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

[1] Ittra. Nru. 2987/13

***Ikkunsidrat:***

Illi fil-31 ta' Awwissu tal-2013, l-intimat Peter Żammit ħareġ kambjala tal-import ta' sittin elf euro (€ 60,000) favur ir-rikorrent, liema kambjala kellha timmatura fl-aħħar ta' Settembru;

Tqis li l-intimati huma miżżewġin lil xulxin;

Tqis li fit-tlieta (3) ta' Settembru tal-2013[2], l-intimati resqu fuq kuntratt pubbliku li bih temmew il-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejniethom u għażlu li, minn dakinhar 'il quddiem, jibda jgħodd is-sistema tal-firda tal-beni, u dan wara li kisbu l-awtoriżżazzjoni mill-Qorti kompetenti. Fuq dak l-att, l-intimat assenja sehmu tan-nofs ($^1/_2$) mhux maqsum mid-dar taż-żwieġ lil martu l-intimata;

Tqis li l-fond li dwaru r-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ tal-Mandat huwa sewwasew dik id-dar;

Tqis li meta l-imsemmija kambjala għalqet, l-intimat Peter Żammit ma kienx f'qagħda li jħallasha;

Tqis li fl-1 ta' Ottubru, 2013, r-rikorrent ħareġ ittra uffiċjali għall-eżekuzzjoni tal-kambjala għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ittra uffiċjali nħarġet kontra l-intimat Peter Żammit waħdu. L-intimat Żammit qiegħed jikkontesta l-eżekuzzjoni fi proċeduri għalihom quddiem din il-Qorti[3];

Tqis li din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta'

---

[2] Dok "A", f'paġġ. 11 – 4 tal-atti
[3] Rik. Nru. 955/13JRM

Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-elementi mitluba mill-għamla ta' Mandat li r-rikorrent talab li jinħareġ, il-pretensjonijiet tiegħu diġa' jinsabu mressqa fl-ittra uffiċjali eżekuttiva li tressqet wara li l-kambjala kienet għalqet u ma kenitx tħallset mill-aċċettant Żammit;

Tqis dwar jekk ir-rikorrent għandux il-jedd mad-daqqa t'għajn li titlob il-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull mandat ta' inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub;

Illi bħala kejl ta' dan il-jedd *prima facie*, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu;

Tqis ukoll li l-Mandat li r-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ tiegħu huwa wieħed li jimmira li jikkonserva ġid – mobbli jew immobbli – milli jkun trasferit jew li b'xi mod jitgħabba b'xi piż jew dejn ġdid b'mod tali li 'l quddiem ma jkunx jista' jissoddisfa l-pretensjonijiet tar-rikorrent "kreditur" u mhuwiex maħsub milli jżomm lis-sid mit-tgawdija tiegħu jew li jżommu milli jużah;

Tqis li, madankollu, fil-pretensjonijiet dedotti mir-rikorrent fl-imsemmija ittra uffiċjali tiegħu u li għall-ħarsien tagħhom huwa qiegħed jitlob il-ħruġ ta’ dan il-Mandat, l-intimata Sharlot Żammit mhijiex parti. Għalhekk, jekk kemm-il darba r-rikorrent iseħħlu jwettaq l-eżekuzzjoni minnu mibdija bis-saħħa tal-ittra uffiċjali msemmija, dak it-titolu jkun jgħodd biss kontra l-intimat Peter Żammit. Huwa minnu li l-proċedura tal-lum inbdiet ukoll kontra l-intimata Sharlot Żammit, imma r-rikorrent ma wera bl-ebda mod xi pretensjonijiet huwa għandu kontra tagħha. L-intimata, sa mill-bidu ta’ Settembru tal-2013 hija s-sid waħdien tal-fond li dwaru ntalab il-ħruġ tal-Mandat, filwaqt li żewġha l-intimat Peter Żammit m’għad fadallu l-ebda sehem bħala sid f’dak il-post. Fiż-żmien li r-rikorrent beda jitlob l-eżekuzzjoni tal-kambjala, l-fond kien ilu ġimgħat jappartieni lill-intimata waħedha;

Tqis, għalhekk, li jonqos element ewlieni li dwaru jista’ jinħareġ il-Mandat mitlub mir-rikorrent, jiġifieri li d-debitur tiegħu mhuwiex sid il-post li dwaru ntalab il-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrent** għall-ħruġ tal-Mandat;

**Tħassar** ***contrario imperio*** d-degriet tagħha tal-24 ta’ Ottubru, 2013, safejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament; u

Tordna li, fiċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż ta’ din il-proċedura** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------